IX-XGHAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru 5 (Ħamsa) tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 24 ta' Lulju, 2013 fil-4.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Attard Neil |
| Kunsilliera | Borg Mary Doris |
| | Buttigieg Antonia |
| | Azzopardi Joseph |
| | |
| **L-Uffiċjal:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-Minuti u approvazzjoni tagħhom.

2.1 Il-Minuti nqraw u ġew approvati unanimament.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising

3.1 Dwar Minuta 5.2 is-Sinjura Borg issuġġeriet li t-telephone box li hemm fi Triq il-Knisja titmexxa minn fejn qiegħda jew titwaħħal waħda mal-ħajt għax qiegħda tkun ta' periklu għall-pedonali li jkunu fuq siġġu tar-roti jew bil-pushchairs.

Is-Sinj Buttiġieġ issuġġeriet ukoll li titnaddaf il-biċċa soft area ta' quddiem il-Knisja fejn hemm il-Monument tal-Ħelsien għaliex intliet bil-ħaxix ħażin.

3.2 Dwar Minuta 5.8 is-Sindku qal li kellna laqgħa mal-Perit Audrey Testaferrata DeNoto (Kap TM inkarigata mit-Traffic Management) fi Triq iċ-Ċern fejn din qalet li l-aħjar option hija li ssir parking fuq naħa waħda biss u mhux fuq iż-żewġ naħat. Is-Sindku qal li waqt is-site visit Ms Testaferrata spjegat li mhux soluzzjoni li t-triq tkun b' direzzjoni l-isfel għax toħloq ostakoli oħra fejn Joe Joe's Bar. Hija wiegħdet li tibgħat lill-Kunsill xi alternattivi ta' kif għandhom jiġu installati xi reflector studs sabiex jgħinu lit-traffiku jżomm fid-direzzjoni ta' nofs it-triq. Is-Sindku spjega wkoll li għandhom

jerġgħu jiġu ta' TM fuq il-post meta jkunu ser jitwaħħlu dawn l-istuds. Intqal waqt il-laqgħa li mhux biss hemm ilmenti minħabba t-traffiku li jgħaddi minn din it-triq imma li wkoll mhuwiex jiġi osservat li trukkijiet u heavy vehicles huma projbiti li jgħaddu min hemm. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb javża lill-Pulizija sabiex jagħmlu għassa ta' kultant ma' din it-triq.

3.3 Dwar Minuta 7.2 is-Sinj Borg issuġġeriet li jkollna *swimmers zone* fix-Xgħajra.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda – Approvazzjoni ta' l-infieq ta' Lulju

4.1 Il-pagamenti għax-xahar ta' Lulju ġew approvati unanimament.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra

5.1 Is-Sur Valvo qal li bħala Kunsill irridu nagħfsu mal-Maritime fuq manutenzjoni ta' slip ways speċjalment dik li hemm fejn il-Milord. Huwa qal li nhar il-Ġimgħa li ġej għandu laqgħa mal-Ministeru tal-PWD u ċ-Chairman tat-TM fuq xogħol ta' madwar ix-Xgħajra li jinkludi l-promenade.

5.2 Is-Sur Valvo qal li kien hemm qtugħ ta' dawl tal-promenade dawn l-aħħar ġimgħat minn fejn il-bus shelter sal-Milord. Dan il-għaliex il-proġett tal-promenade qatt ma ġie ffinalizzat u għad m'hemmx compliance certificate mill-MEPA. Is-Sindku qal li hemm huwa post pubbliku għalhekk m'għandux għalfejn ibgħati l-pubbliku minħabba nuqqasijiet tal-entitajiet tal-Gvern. Il-Mepa qiegħda tgħid li l-arbli li twaħħlu mhumiex tajbin u għalhekk iridu jaqilgħuhom.

5.3 Is-Sur Valvo qal li l-ħajt li nbena fi Triq Alof de Wignacourt kantuniera ma' Triq Dwardu Ellul tlesta u kellna lmenti għaliex mhux imtarraġ u b'konsegwenza t'hekk il-kantuniera ġiet blind corner li tista' toħloq xi aċċident. Il-Kunsill tkellem mas-sezzjoni tat-traffic management ta' TM u qalulna li l-ħajt qiegħed tajjeb u li rridu nagħmlu refreshing taż-żebgħa tal-art.

5.4 Bandli u Belveder – Is-Sur Valvo qal li issa twaħħlet tabella bil-ħinijiet tal-ftuħ u għeluq u l-Kunsilliera Antonia Buttiġieġ offriet li tibda tiftaħ u tagħlaq hi mingħajr ħlas. Is-Sindku qal li l-proġett bħalissa jinsab wieqaf għax il-kuntrattur li kien qed

jaħdem fuq ir-rampa għadu ma tħallasx, għalhekk mhux bi ħsiebu jkompli qabel jitħallas minn TM.

Dwar l-istess proġett is-Sur Valvo qal li ser jerġa' jkellem lill-Public Works sabiex naraw x'inhija l-possibilta` li l-fencing pulit ta' madwar il-proġett isir mill-ħaddiema tal-Public Works.

Is-Sur Valvo qal li bħalissa mal-Public Works ser jibda xogħol fuq ir-railing tal-promenade biex jinqala' u jiġi sand blasted u ggalvanizżat mill-ġdid għaliex iddeterjora.

5.5 Rigward l-Impjant tad-Drenaġġ is-Sindku qal li minn l-aħħar laqgħa li kellna magħhom għadu ma sar xejn kemm fuq l-irwejjaħ kif ukoll fuq il-landscaping. Is-Sur Valvo kompla u qal li jekk ser jibqgħu ikaxkru saqajhom ma jkollnix triq oħra ħlief li nagħmlu press conference fejn ninfurmaw lin-nies b'dak kollu li qiegħed jiġri. Mill-aħħar laqgħa ħareġ li qiegħed ikun hemm konflitt bejn il-WSC u l-MEPA.

Is-Sinjura Buttigieg issuġġeriet ukoll biex il-poplu tax-Xgħajra bħal dak ta' Wied il-Għajn ikollu tip ta' kumpens fuq id-dawl u l-ilma propju minħabba dan l-inkonvenjent bl-Impjant tad-Drenaġġ. Is-Sindku qal li ser ikollu laqgħa magħhom fi ftit ġimgħat fejn din il-ħaġa tista' tiġi dikussa.

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Kwotazzjoni għal-ġbir tal-Bulky Refuse

6.1 Is-Segretarju qal li kellna offerta waħda biss, dik tas-Sur Raymond Attard. Il-Kunsill evalwa din l-offerta u qabel unanimament li tiġi aċċettata din l-offerta u ser jibda mill-ġimgħa d-dieħla.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Applikazzjoni għal-fondi – Live Streaming tal-Laqgħa

7.1 Memo mid-Dipartiment fuq l-iskema ta' applikazzjoni għal Live Streaming. Il-Kunsill qabel li napplikaw għal din l-iskema u l-laqgħa tibda tiġi strijmjata live.

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 It-Tagħlim tat-tfal bejn il-5 u 7 snin beda' b'10 studenti u issa qiegħdin 8. Kien hemm

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

student li kellu bżonn li jkollu facilitator miegħu pero` m'attendiex. Is-Sinj. Borg qalet li kien ikun aħjar li kien hemm interactive white board u Wi-Fi.

Is-Sindku qal li l-Kunsill tkellem mas-Surmast u l-Prinċipal tal-Kulleġġ u kellhom jippreparaw kollox u apparti hekk kien hemm problema wkoll bil-passwords tal-MITA.

8.2 Is-Sinjura Borg irrimarkat li fi Triq it-Tumbrell qiegħed isir rimi bit-trakkijiet fl-għelieqi u qiegħed isir reġolarment. Għalhekk issuġġeriet li terġa' ssir il-barrier tal-konkos li kien hemm sabiex ma jkunx hemm aċċess għat-trakkijiet f'din il-parti tat-triq li għadha mhux asfaltata.

8.3 Knis – Is-sindku tkellem fuq is-servizz tal-knis u qal li qiegħed ikollu ħafna lmenti mir-residenti li xi toroq ilu ma jagħmilhom żmien u fejn qiegħed jagħmel mhux jiknes kif suppost. Għalhekk kulħadd qabel li ssir laqgħa mal-kuntrattur tal-knis sabiex naraw x'qiegħed jiġri u kif nistgħu intejbu dan is-servizz.

8.4 Is-Sur Valvo qal li din il-ġimgħa tkellem mas-Supretendent tal-Pulizija l-ġdid tad-distrett, is-Sur Raymond Vella Gregory rigward foot patrol max-xatt tax-Xgħajra bħal ma jsir kull sena. Is-Sup. qallu li dan jista jibqa' jsir bħas-snin l-oħra imma jrid jistenna isturzzjoni mid-Depot.

8.5 Is-Sindku qal li ser ikollu laqgħa mas-Sur Anthony P. Tabone ic-CEO il-ġdid ta'Smart City rigward l-aħħar laqgħa mal-MEPA li kellna fejn ġie diskuss biex issir laqgħa fuq it-trabijiet u l-istorbju minn Smart City li bihom qiegħed ibgħati l-poplu tax-Xgħajra.

8.6 Is-Sinjura Borġ issuġġeriet li terġa' ssir it-tabella biex ma jarmux żibel fi Triq l-Iskola għax inqalgħet bir-riħ u l-maltemp.

8.7 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet lill-Viċi Sindku fuq il-possibilta` li l-grawnd tat-turf ikun użat mit-tfal tar-raħal għal xi ħin matul il-ġimgħa. Is-Sur Attard qal li jekk ikun superviżjonat ma tkunx problema, pero` ma jistgħux iħalluħ miftuħ bit-tfal waħedhom minħabba użu mhux kif suppost u vandaliżmu. Huwa qal li ser jerġa' jitkellem mal-klabb biex jibda jinfetah nhar ta' Ħadd.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

8.8 Is-Sindku qal li għandna talba lil Ġvern fuq art vojta lejn l-impjant tad-drenaġġ biex tiġi żviluppata f'park għar-roti u skate boards.

8.9 Is-Sur Attard issuġġerixxa li s-slip way li hemm fejn il-Milord isirula l-parati neqsin. Is-Sindku qal li dawn diġa` mdaħħlin fix-xogħol li għandu jagħmel Mario Mallia u magħhom ser isir ukoll railing biex min jitla' mill-baħar ma jiżloqx.

8.10 Ġie deċiż li jsir BBQ fl-10 t'Awwissu ġewwa l-Fortizza u l-avvizi ser jitqassmu fil-jiem li ġejjin. Bħas-soltu ntalbet l-għajnuna tal-Kunsilliera kollha għal dan il-BBQ.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda – Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għall-Ħamis 29 t'Awwissu, 2013 fil -5.30pm.

Segretarju Eżekuttiv | Sindku

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt